# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 29 ta' Novembru 2023**

**Rik. Nru.: 281/2023 JPG**

**Kawza nru.: 25**

**DL**

**Vs**

**MF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 15 ta' Mejju 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmintax ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (18.10.2003);*
2. *Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom tlett itfal, S li hu maggiorenni, u M u SAA li huma minorenni.*
3. *Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Astrid Parnis hekk skont il-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok 1.*
4. *Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal zmien twil u ghalhekk huma ntitolati biex japplikaw ghad-divorzju.*
5. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*
6. *Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-imsemmi kunratt ta' separazzjoni stante dekadenza/rinunzja minn naha tal-partijiet b'mod*

*reciproku.*

7. *Illi l-manteniment favur il-minuri u l-access ghall-istess minuri huwa regolat bl-istess kuntratt tas-separazzjoni u l-minuri qed jircievu manteniment adegwat, fil-hin u skont dak pattwit fil-kuntratt tas-separazzjoni u ghalhekk il-kundizzjonijiet kollha li jirrigwardaw l-aspetti kollha tal-hajja tal-minuri se jibqaw l-istess skont il-ftehim raggunt.*
8. *Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna ghar-ragunijiet premessi joghgobha:*

1. *Tiddikjara li z-zwieg taghhom celebrat nhar it-tmintax ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (18.10.2003) huwa mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.*
2. *Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat ma ppresentat ebda risposta izda deher ghas-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023 u xehed viva voce (vide fol 15);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide fol 27) illi l-partijiet izzewgu nhar it-18 ta' Ottubru 2003, u minn dan iz-zwieg huwa kellhom tlett itfal, iz-zghira ghadha minorenni. Sostna illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Astrid Parnis datat nhar il-25 ta' Gunju 2019. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimat xehed** (vide fol 29) u kkonferma u kkorrabora x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-***

***anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Ottubru 2003, liema zwieg jgib certifikat numru 1978/2003 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett, tnejn minnhom maggorenni u wahda minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Astrid Parnis datat 25 ta' Gunju 2019 (Vide fol 17 et seqq.).

Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1978/2003 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**